MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 328/2009

**Ignazio Anastasi Ltd.**

**vs**

**Etienne Borg (I.D. 127976M) u**
**Maria Luiza Cutajar (I.D. 374667M) f'isimhom proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' House of Tuning Ltd.**
**(C – 42675)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuti l-hlas tas-somma ta' mitejn u hamsa u hamsin ewro u wiehed u ghoxrin centezmi (€255.21), rapprezentanti bilanc ta' merkanzija mibjugha u konsenjata mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-fattura kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu s-somma ta’ mitejn u hamsa u hamsin ewro u wiehed u ghoxrin centezmi (€255.21), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------